# Il-Buzzett għall-Kwadru tal-Altar tal-Madonna taċ-Ċintura

Neil Zammit



Nafu li sas-sena 1727, il-fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura fil-Parroċċa ta' Ħal Luqa ma kelliex altar tagħha u għalhekk inħasset il-ħtieġa sabiex din l-istess fratellanza takkwista wieħed mill-altari li diġa' kien hemm fil-knisja parrokkjali. Filfatt, il-prokuraturi tal-fratellanza taċ-Ċintura, Gio Domenico Zammit u Giuseppe Mifsud bagħtu supplika lill-Isqof ta' Malta f'Settembru 1727 sabiex l-altar eżistenti taħt it-titlu tas-Santissima Trinità jingħata lill-fratellanza taċ-Ċintura u b'hekk ikun jista' jsir kwadru fiss iddedikat lill-Madonna tal-Konsolazzjoni.

Ġie kkummisjonat l-artist Enrico Arniaud, li minn naħa tiegħu ppreżenta l-buzzett għal dan il-kwadru l-ġdid. Fiċ-ċentru naraw ix-xbieħat tal-Madonna bil-Bambin fi ħdanha, Santa Monika u Santu Wistin, imdawrin b'għadd ta' anġli u kerubini. Fin-naħa ta' fuq naraw ix-xbieha tat-Trinità Mqaddsa waqt li fl-irkejjen tan-naħa t'isfel naraw ukoll lil Santu Rokku u San Franġisk de Paola, peress li dawn kienu fil-kwadru tal-altar tas-Santissima Trinità. Il-kwadru l-ġdid tal-Madonna taċ-Ċintura tlesta fl-1728 u għadna ngawduh sa llum.

Jekk wieħed janalizza sewwa dan il-buzzett fil-kuntest tal-kwadru li nsibu fil-Knisja Parrokkjali ninnutaw xebħ qawwi bejniethom. Fil-fatt insibu li kien hemm biss tibdil minimu minn naħa tal-artist mill-buzzett għall-kwadru l-proprju minkejja li partijiet mill-ġnub tiegħu ġew mitwija fuq wara meta wara l-gwerra sar tibdil fid-disinn tal-altar mill-perit Micallef.

Dan il-buzzett ġie f'idejna grazzi għall-kuntatt li għamilna ma' Dr Keith Sciberras f'dawn l-aħħar ġimgħat. Dan l-istudju oriġinali llum jinsab miżmum f'kollezzjoni privata.

Referenzi:
Arcivium Curia Melitensis
www.luqaparish.com

V. Spiteri & Sons Ent. Ltd
VSS
● Transport Services
● Repair of Air Condition system on cars, coaches, fridge trucks etc...
● Importers of Volvo Commercials
29, Gratiae Plena
Wilġa Street
Luqa
Tel: 2182 0749
Mob: 9947 0405
emial: vss@waldonet.net.mt

GORI BUTCHER
Triq Santa Marija
Luqa
Tel: 2167 8484